MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tas-16 ta' Frar, 2011

Citazzjoni Numru. 128/2009

**Id-Direttur, Qrati Ċivili u Tribunali bħala Reġistratur, Qrati u Tribunali Ċivili**

**-vs-**

**Clinton Mallia u Antoinette Azzopardi**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-12 ta’ Frar 2009 li permezz tiegħu l-attur ppremetta:

1. Illi permezz ta’ Mandat ta’ Qbid Nru 57/08 kif ġie akkordat il-qbid tal-komunjoni tal-akkwisti tas-Sinjura Svetlana Mallia, li kienet nidiet il-Mandat, u Clinton Mallia, li miegħu kella proċedura fil-Qorti tal-Familja, hawn anness u mmarkat Dok A;

2. Illi fl-4 ta' Marzu 2008, dana l-Mandat ġie eżegwit u inqabad *pony* bl-isem 'Trigger' u tqabbad bħala konsenjatarju ċertu Joseph Borg, persuna indikata minn min talab għall-ħruġ tal-mandat, kif jidher fl-anness Dok B;

3. Illi, fil-5 ta' Marzu, il-mandat ġie notifikat lil Clinton Mallia u tqabbdet bħala konsenjatarja Annette Azzopardi, kif jidher fl-anness dokument immarkat Dok C;

4. Illi, sussegwentament fis-6 ta' Marzu 2008, sar rikors *da parte* ta' Annette Azzopardi, fejn talbet illi l-Mandat jiġi revokat in kwantu effetwa ż-żiemel Trigger, peress illi dak kien tagħha, liema talba ġiet miċħuda permezz ta' digriet ta' dina l-Qorti datat 20 ta' Marzu 2008, l-atti ta' liema rikors huma hawn esebiti u mmarkati Dok D;

5. Illi, fit-23 ta' Ġunju 2008, Svetlana Mallia ppreżentat rikors fejn għarrfet lill-Qorti illi għalkemm miżmum mill-Qorti, iż-żiemel ossia *pony* ntuża f'tiġrija li seħħet fil-Marsa nhar is-7 ta' Ġunju 2008, aktar preċiżament Tiġrija Nru 22, 'Ponijiet A' u dan kien jidher fl-atti hawn esebiti u mmarkat Dok E;

6. Illi permezz ta' diġriet ta' din l-Onorabbli Qorti datat 3 ta' Lulju 2008, dina l-Qorti ordnat lir-rikorrenti sabiex iressaq il-proċeduri ta' disprezz taħt l-artikolu 1003A tal-Kap 12, kif jidher fl-anness dokument Dok F;

7. Illi għalhekk kellu jsir dan ir-rikors.

Għaldaqstant in vista tas-suespost, tgħid l-intimata għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni neċessarja u opportuna:

1. Issib lill-intimati jew min minnhom ħati ta' disprezz kontra l-Awtorita' tagħha *ai termini* tal-Artikolu 997 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom għall-pieni ndikati fl-istess artikolu u tikkundannah għall-priġunerija għal żmien sa xahar jew għal multa ta' mhux inqas minn mitejn u tlieta u tletin Euro (€233) u mhux

aktar minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2,330) jew għall-multa u priġunerija flimkien;

3. Timponi kwalunkwe ordni oħra meħtieġa fuq l-intimati jew min minnhom *ai termini* ta' l-artikolu 997 sub-artikolu (2) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta nkluż billi tiffissa żmien perentorju sakemm dawn l-istess ordnijiet għandhom jiġu sodisfatti mill-intimati jew min minnhom;

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-intimati in subizzjoni, u bir-riserva ta' kulldritt ta' azzjoni ulterjuri skond il-liġi.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attur u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti, ppreżentata fis-17 ta' April 2009, li permezz tagħha eċċepew:

1. Illi l-Mandat ta' Qbid Nru 57/08 qabad żiemel bl-isem "Jazz Jambalaya" li jappartjeni lil Clinton Mallia u *pony* bl-isem ta' "Trigger".

2. Illi ż-żiemel "Jazz Jambalaya" biss jinstab fil-pussess ta' Joseph Borg bħala kunsinnatarju. Illi huwa assolutament skorrett jingħad (ara para 2 tar-rikors) illi Joseph Borg huwa jew qatt kien kunsennatarju tal-istess *pony* tant li Dok C esebit jikkonferma li Annette Azzopardi kienet ġiet appuntata bħala konsennatarju.

3. Illi l-esponenti Annette Azzopardi għalkemm notifikata qatt ma kellha impediment li dan iż-żiemel jew kull żiemel ieħor ma jistax jinħareġ u jinstaq.

4. Illi għal kull buon fini jingħad illi Clinton Mallia dejjem ikkonferma li ma huwiex proprjetarju ta' dan il-*pony* u dan huwa dettaljat fid-dokument C tal-Marixxal Stivala li *a tempo verigini* qal u niżżel li Clinton Mallia m'għandu ebda *pony* b'dan l-isem.

5. Illi Annette Azzopardi m'għandha ebda *pony* bl-isem ta' "Trigger" u għalkemm dan effettivament jeżisti jappartjeni lill-terzi.

6. Illi fid-dokument anness fejn jidhru l-ponijiet li ġrew fis-7 ta’ Ġunju 2008 tigrija numru 22 ġera żiemel bl-isem ta’ “Triger” u mhux “Trigger” li mhuwiex iż-żiemel indikat fil-mandat.

7. Illi ż-żiemel Trigger u anke Triger qatt ma kien fil-pussess ta’ Annette Azzopardi u l-uniku *pony* li hija għandha jismu “Trigger Boy” liema pony illum huwa reġistrat fuqha mal-Malta Racing Club b’mod uffiċjali u għalhekk l-esponenti qatt ma setgħet tinżamm responsabbli għall-ksur ta’ mandat kif allegat inġustament.

8. Illi l-esponent Clinton Mallia m’għandu ebda kontroll u l-interpellanza tiegħu f’dawn il-proċeduri hija vessatorja u inġustifikata u Annette Azzopardi ma setgħet qatt tiġi interpellata dwar żiemel li hija qatt ma kellha fil-pussess tagħha.

9. Illi Clinton Mallia qatt ma ġie notifikat u ngħata żmien jirrispondi u d-dokument annessi u fatti juru biss notifika ta’ Annette Azzopardi. Clinton Mallia qatt ma kien notifikat u għalhekk kull proċedura fil-konfront tiegħu għandha tiġi respinta.

10. Illi *di piu’* fi kwalunkwe każ il-mandat ta’ Qbid bħala kunsinnatarju ma kellu ebda indikazzjoni jew limitazzjoni lil ma ssuqx ebda żiemel iżda biss li jkun fil-pussess tagħha.

Għaldaqstnat l-esponenti jissottometti illi:

1. Din l-Onorabbli Qorti m’għandhiex ssib lil ħadd minnhom ħatja ta’ disprezz taħt l-Artikolu 997 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta.

2. Ma jistgħux jinstabu ħatja u kkundannati jħallsu ebda penali.

3. M’għandhomx jiġu mogħtija ebda ordni *ai termini* tal-Artikolu 997(2) tal-Kap 12.

Bir-rispett u b’riserva ta’ eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota a fol 36 tal-proċess li permezz tagħha Svetlana Mallia ddikjarat li laħqet ftehim mal-konvenut żewġha Clinton Mallia u kwindi ma baqagħlhiex aktar interess fil-kawża;

Rat illi fil-verbal tas-seduta tas-7 ta' Frar 2011 fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza wara li d-difensuri rrimettew ruħhom għall-ispejjeż.

Ikkunsidrat;

Illi din il-kawża ġiet instigata minn rikors ta' Svetlana Mallia illi eventwalment laħqet ftehim mal-konvenut Clinton Mallia. L-attur żgur ma jaħtix għall-ftuħ tal-proċeduri għaliex dawn saru fuq talba tal-istess Svetlana Mallia li pero' mhix parti fil-kawża.

**Għaldaqstant il-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-mertu tal-kawża u kwindi tat-tlett talbiet tal-attur,**

**Spejjeż bla taxxa.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------